MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Avviz Numru. 369/2010

**Robert Galea**
**vs**
**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur Robert Galea nhar l-4 t'Ottubru 2010 fejn ippremetta s-segwenti:-
" *Illi l-esponenti qed jadixxi lil din il-Qorti b'konsegwenza ta' ittra ufficcjali tal-Awtorita' intimata tas-16 ta' Settemrbu 2010, numru 3647/10 ai termini tal-Artikolu 57 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*Illi l-esponenti jinsab marid u in fatti anki prezentement qed jinzamm l-Isptar.*
*Illi sia hu kif ukoll il-familja tieghu kellha problemi finanzjarji sabiex ilahqu ma l-ispejjez tal-medicini u* treatments *u li f'dan iz-zmien bi svista u minhabba l-istess trauma, ma tawx kaz l-iskadenzi tal-licenzji tal-vettura, liema vettura lanqas intuzat mill-esponenti.*

*Illi hu lest li jirregola ruhu u jasal f'arrangament mal-Awtorita ghal hlas li huwa dovut u in fatti l-genituri tieghu ser jiehdu hsieb dan.*
*Illi huwa qed jikkonstesta s-somma, l-ammont dovut u ghalhekk qed jopponi li l-ittra ufficcjali tas-16 ta' Settembru 2010 tigi reza esekuttiva."*

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Ottubru 2010 fejn kienet ordnat in-notifika tar-rikors tal-attur lill-konvenut b'dan li appuntatu ghas-smiegh ghal nhar is-7 ta' Dicembru 2010, b'dan illi l-konvenut ghandu jipprezenta r-risposta tieghu.

Rat ir-risposta tal-Awtorita intimata prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-19 ta' Novembru 2010 fejn ippremettiet is-segwenti:-
I. " *Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jrid jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-rikors tieghu.*
*2. Illi l-esponenti jista' facilment jasal f'arrangament mal-Awtorita' ntimata dwar kif ghandu jsir il-hlas u ghalhekk ma ghandux jkun hemm problemi f'dan ir-rigward.*
*3. L-Awtorita' pero' ma tistax tifhem kif f'nifs wiehed ir-rikorrenti jghid li jrid jasal fi ftehim mal-Awtorita' imbaghad, minghajr ma jispjega xejn u minghajr ma jaghti l-ebda raguni, huwa jghid li "qed jikkontesta s-somma, l-ammonti dovuta u ghalhekk qed jopponi li l-ittra ufficcjali tas-16 ta' Settembru 2010 tigi reza ezekuttiva". Imbaghad huwa jghid li huwa "f'dan iz-zmien bi svista u minhabba l-istess trauma, ma tax kaz l-iskadenzi tal-licenzji tal-vettura, kiema vettura infatti lanqas intuzat mill-esponenti".*
*4. Illi ghalhekk f'kull kaz ir-rikorrenti qatt ma ta avviz lill-Awtorita' ntimata li huwa ma kienx qieghed juza din il-vettura, jew irritorna l-pjanci, jew ipprezenta l-log book biex jitnizzel il-fatt li l-vettua kienet qieghda iggaraxxjata u ghalhekk huwa ghandu jhallas dak dovut minnu skond il-ligi*."
Ghaldaqstant l-Awtorita ntimata talbet li in vista tal-premess din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.
Rat il-verbal taghha tas-7 ta' Dicembru 2010 fejn ir-rikorrenti ma deherx izda deher l-avukat tal-Awtorita' ntimata w il-kawza giet differita ghas-7 ta' Frar 2011.

Rat il-verbal taghha tas-7 ta’ Frar 2011 fejn ghal darb’ ohra r-rikorrenti ma deherx izda deher l-avukat tal-Awtorita’ ntimata u l-kawza giet differita ghad-9 ta’ Marzu 2011 ghall-provi kollha.

Rat illi ghat-tielet darba r-rikorrenti u l-avukat tieghu ma dehrux u ghalhekk ma setghux jaghmlu dak ordnat fis-seduta precedenti w igibu l-provi taghhom, u ghalhekk il-Qorti ghaddiet biex tisma’ l-provi tal-Awtorita’ ntimata.

Nhar id-9 ta’ Marzu 2011 xehed **Brian Farrugia** ghan-nom tal-Awtorita’ ntimata w ikkonferma li minn mindu giet prezentata l-ittra ufficcjali fuq imsemmija numru 3047/10, ir-rikorrent m’ghamel l-ebda hlas. Ikkonferma li l-vettura li dwarha qed jintalab il-hlas tal-licenzji skaduti w cioe’ l-vettura targata numru LAG 795 tghajjat lir-rikorrenti w ilha hekk regsitrata f’ismu sa mill-4 ta’ Frar, 2022. Jirrizulta wkoll minn ezami tal-file tieghu li hemm pendenti fuqha xi multi mahruga mill-Kunsilli Lokali dwar kontravenzjonijiet, u dawn jammontaw ghas-somma ta’ mitejn u tmenin Ewro (€280). Ix-xhud spjega li dak li kienet qed titlob l-Awtorita’ ntimata kien biss jirrapprezenta skadenzi ta’ hlas ta’ licenzja tal-vettura numru LAG 795 tal-ghamla Mazda 323 ta’ kulur blu regsitrata f’isem ir-rikorrenti.

Ikkunsidrat:-

Illi bhala fatt jirrizulta, anke minn ezami tar-rikors promotur tar-rikorrenti, li huwa minnu dak li qed tallega l-Awtorita’ ntimata li r-rikorrenti ma hallasx l-iskadenzi tal-licenzji tal-vettura tieghu tal-ghamla Mazda 323 numru ta’ registrazzjoni LAG 795 sa minn Dicembru 2002. Illi skond ma qal ir-rikorrenti stess, dejjem fir-rikors promotur ghaliex fil-kawza huwa ma deherx u wisq inqas ma xehed, li huwa ma kkomunikax mal-Awtorita’ ntimata w ma qalilhomx li l-vettura kienet iggaraxxjata w li ma kienx qed juzaha.

Jinghad pero’ li fir-rikors promotur ir-rikorrenti donnu jaghmel dikjarazzjonijiet kontradittorji, fis-sens li l-ewwel jghid li verament huwa ma hallasx l-iskadenzi, u wara jghid li qed jikkontesta l-ammont mitlub. Illi dawn iz-zewg

dikjarazzjonijiet huma kontradittorji ghall-ahhar. Jinghad ukoll li waqt li r-rikorrenti jghid li l-genituri tieghu kienu ser ighinuh ihallas l-iskadenzi, fl-istess nifs jghid li l-ammont mhux dovut.

Illi ghalhekk din il-Qorti qieset dak li kellha xi tghid l-Awtorita' ntimata f'dan ir-rigward. L-Awtorita' ntimata ressqet bhala xhud lil Brian Farrugia in rappresentanza tat-Transport Malta, w dan ikkonferma li mis-sena 2002 'l hawn il-vettura targata numru lag 795 kienet registrata f'isem ir-rikorrenti. Huwa jikkonferma wkoll li ma sar l-ebda hlas ta' licenzja fuq din l-istess vettura sa minn Dicembru 2002.

Issa skond l-**Artikolu 26** tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta:
"*Kull persuna imsemmija fuq il-licenza bhala s-sid jew bhala wiehed mis-sidien, li tkun bieghet jew xort'ohra ttrasferiet il-jedd taghha fuq il-vettura li ghaliha tkun tirriferixxi l-licenza, ghandha taghti avviz lill-Awtorità ta' dak il-bejgh jew trasferiment, u ghandha fl-istess hin tipprezenta l-licenza sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviz ma jigix moghti u l-licenza ma tigixipprezentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa' suggetta ghad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura."*

Illi ghalhekk stante li r-rikorrenti ghandu f'ismu l-licenzja tal-vettura, dan ifisser li huwa r-*registered owner* taghha mat-Transport Malta, w ghalhekk jibqa' responsabbli ghaliha peress li mal-Awtorita' ma jkun ittrasferixxa l-ebda jedd tieghu.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-**Artikolu 57 (1)** tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-
"*Sid ta' vettura bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenzja relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas ta' l-ammont dovut ghad-dritt tal-licenzja rilevanti*."

Illi ghalhekk skond dan l-artikolu tal-ligi sid il-vettura, li f'dan il-kaz huwa r-rikorrent stante li huwa r-*registered owner,* huwa responsabbli civilment ghal hlas ta' licenzji w ghalhekk ghandu jinzamm responsabbli ghal dan in-nuqqas tieghu.

**Ghalhekk in vista tas-suespost, din il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet rikorrenti w tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' ntimata, b'dan illi tordna li l-ittra ufficcjali numru 3047/10 datata 16 ta' Settembru 2010 tigi reza ezekuttiva ai termini tal-Artikolu 57 (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrenti.**

**L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data meta l-ittra ufficcjali fuq imsemmija numru 3047/10 giet notifikata lir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------